# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.4

## Kap 5: Il-Paċi miegħek!

## Lezzjoni 5.4: Nieqaf u naħseb ftit

## L-Għanijiet:

**L-istudenti:**



1. Jiddiskutu kif iħossuhom meta jgħinu.
2. Jiftakru f'nies li għenuhom fid-diffikultajiet tagħhom.
3. Jidentifikaw nies li qed jgħinuhom illum (fil-preżent).
4. Jagħrfu kif ħassewhom u kif iħossuhom meta jkunu mgħejjuna.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* bi stampi ta' nies li jgħinuna.
- Karta ta' taħriġ: 5.3 (mill-Ktieb tal-Attivitajiet)
- Kanzunetta: *Give thanks*
  https://www.youtube.com/watch?v=BAo2iZ9vWHg
- Kanzunetta strumentali

  https://www.youtube.com/watch?v=irAA5lfS5bI



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lill-klassi kollha: Kif tħossok meta tgħin? Taf għaliex?
- Aqsam il-klassi fi 3 gruppi u staqsihom: Min jgħinna fid-diffikultajiet tagħna? Kull grupp jagħmel lista ta' nies li jgħinuna u wara jinkitbu fuq il-*board*. Imxi mal-Preżentazzjoni.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Isir il-*Brainstorming* tal-bidu.
- Isir ix-xogħol fi gruppi fejn jiddiskutu min jgħinna.
- Kull grupp jagħżel lil xi ħadd li se jaqsam mal-klassi l-lista tiegħu. Għidilhom biex ma jirrepetux dawk in-nies li jkunu ġà miktubin.
- Uri l-preżentazzjoni tal-istampi.
- Kompli uri stampi differenti ta' nies li jgħinuna u ddiskutu kif u meta jgħinuna.
- Asal għall-punt importanti ta' kif wieħed iħossu meta xi ħadd jgħinu fid-diffikultajiet. Hawnhekk trid toħroġ l-idea li wieħed iħossu kuntent u jħoss is-sens ta' mistrieħ meta d-diffikultà tkun kbira u jgħin xorta.
- Uri l-ppt dwar Madre Tereza biex issaħħaħ il-punt ta' qabel.

- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.3 u spjega s-silta mogħtija.
- Iddiskuti l-istampi mogħtija u flimkien il-klassi joħorġu l-istampa li jgħinuna nikbru tassew .
- Stieden lill-istudenti jpinġu din l-istampa.
- Aqra l-istorja ta' Mark u Marija u flimkien mal-klassi ddiskuti s-sentenzi mogħtija biex joħorġu dawk li jaqblu magħhom u dawk le
- Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt ta' kemm hu importanti li nagħtu s-sehem tagħna u dan is-sehem nagħmluh bil-ferħ.
- Agħlaq il-lezzjoni bil-kanzunetta: *Give thanks* https://www.youtube.com/watch?v=BAo2iZ9vWHg
  - Tista' turi l-kanzunetta strumentali bil-Malti u inti u t-tfal tkantaw skont il-kliem muri fid-diska; https://www.youtube.com/watch?v=irAA5lfS5bI

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta tgħin tħossok sodisfatt.
2. Għandna bżonn ħafna nies biex jgħinuna f'ħajjitna..
3. Kull għajnuna tgħodd. Għalhekk kulħadd hu bżonnjuż u importanti.
4. Irridu napprezzaw lil dawk li jgħinuna fil-verità.
5. Irridu nindunaw kemm ġid isirilna permezz tal-oħrajn.
6. Għandna lil Ġesù u lil Marija li dejjem jgħinuna.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħrfu japprezzaw dak li ħaddieħor jagħmel għalihom, anke l-iċken azzjoni tajba.
It-tfal juru li jifhmu kemm hu importanti li jagħtu sehemhom biex il-ħaġa tirnexxi u jgħinu mill-qalb.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta: *Give thanks*
https://www.youtube.com/watch?v=BAo2iZ9vWHg

Rodd Ħajr

https://www.youtube.com/watch?v=irAA5lfS5bI



## Nitolbu:

Mulej, nitolbuk tkompli tgħin lil tant nies

li jħobbuna, jieħdu ħsiebna u jgħinuna tul

ħajjitna kollha.

